

Brussell, 18 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10802/26

COPEN 236
CT 82
DROIPEN 114
JAI 849

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 277 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 277 final.

Mehmuż: COM(2026) 277 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.6.2026
COM(2026) 277 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus
permezz tal-liġi kriminali**

{SWD(2026) 148 final}

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva (UE) 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fit-23 ta' Ottubru 2018 u daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2018. Id-Direttiva ssaħħa l-infurzar tal-liġi u r-reazzjonijiet ġudizzjarji għall-ħasil tal-flus, trawwem il-kooperazzjoni transfruntiera kemm fl-UE kif ukoll internazzjonalment, u tikkomplementa l-qafas leġiżlattiv usa' dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus.

Id-Direttiva tapplika f'25 Stat Membru; L-Irlanda u d-Danimarka ma humiex marbutin biha. It-traspożizzjoni kellha ssir sat-3 ta' Diċembru 2020.

Id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar l-attivitajiet li għandhom jitqiesu bħala reati tal-ħasil tal-flus fl-Istati Membri kollha (jiġifieri t-trasferiment jew il-konverżjoni ta' proprjetà derivata minn attività kriminali, il-ħabi jew it-travestiment tal-orijini illeċita tagħha, jew l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà b'għarfien tal-orijini kriminali tagħha) u sanzjonijiet korrispondenti għal tali atti. Id-Direttiva tispesjifika l-attivitajiet kriminali li jikkostitwixxu reati predikati għall-ħasil tal-flus, jiġifieri l-atti kriminali li minnhom oriġinaw il-flus maħsula. Fost in-novitajiet li tintroduċi, id-Direttiva tippermetti l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus mingħajr il-ħtieġa ta' kundanna għar-reat predikat, u mingħajr ma l-awtoritajiet ikollhom bżonn jagħtu prova tal-elementi kollha tar-reat predikat ("ħasil tal-flus awtonomu"). Tippermetti wkoll il-prosekuzzjoni u l-kundanna għal attivitajiet ta' ħasil tal-flus imwettqa mill-awtur tal-attività kriminali li ġġenerat il-proprjetà ("awtoriċiklaġġ"). Id-Direttiva fiha regoli li jiċċaraw liema Stat Membru għandu l-kompetenza għall-prosekuzzjoni f'każijiet transfruntiera. Barra minn hekk, hija tistabbilixxi regoli minimi dwar il-pieni u sanzjonijiet addizzjonali applikabbli kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll għall-persuni ġuridiċi, inklużi "ċirkostanzi aggravanti".

Dan ir-rapport iwieġeb għar-reqwizit fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva, li jirrikjedi lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-valur miżjud tad-Direttiva fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus kif ukoll l-impatt tagħha fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

Dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jibni fuq ir-rapport dwar it-traspożizzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – kif meħtieġ skont l-Artikolu 14(1) – li jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva. Ir-rapport dwar it-traspożizzjoni wera li, filwaqt li b'mod ġenerali t-traspożizzjoni tad-Direttiva kienet konformi, għad hemm xi lakuni u inkonsistenzi, bħat-traspożizzjoni skorretta minn xi Stati Membri tad-dispożizzjonijiet rigward iċ-ċirkostanzi aggravanti. Ir-rapport ta' traspożizzjoni huwa ppreżentat fl-Anness.

Is-sejbiet dettaljati tal-evalwazzjoni, kif ukoll il-metodoloġija użata, huma ppreżentati fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport.

Din id-Direttiva hija parti minn sett ta' għodod usa' kontra l-finanzi kriminali li, kif ġie enfasizzat fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna ("ProtectEU"), huwa komponent ċentrali

tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-konfiska tal-profitti kriminali tibqa' essenzjali biex jitkissru gruppi kriminali organizzati, u l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja u dwar it-trawwim tal-irkupru tal-assi hija pass ewlieni f'dan ir-rigward.

2. SFOND

Bħala objettiv ġenerali, id-Direttiva għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reazzjonijiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi għall-ħasil tal-flus madwar l-Istati Membri. Għalkemm kull Stat Membru kkriminalizza l-ħasil tal-flus, kien hemm differenzi sinifikanti fil-mod kif ġie definit ir-reat, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reati predikati u fis-sanzjonijiet rispettivi. Il-qafas preċedenti ma kienx koerenti u komprensiv, u b'hekk kien inqas effettiv u għamilha possibbli għall-kriminali u għat-terroristi li jisfruttaw sistemi nazzjonali aktar dgħajfa. Sabiex twieġeb għal dawn il-ħtiġijiet, id-Direttiva introduċiet **qafas komuni tal-UE għall-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus u għat-tisħiħ tar-reazzjonijiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi**. L-għan ġenerali tagħha huwa li ssaħħaħ ir-reġim tal-UE kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali.

Dan jissarraf f'objettivi speċifiċi:

- l-iżgurar tal-kriminalizzazzjoni effettiva tal-ħasil tal-flus madwar l-UE;
- l-introduzzjoni ta' definizzjonijiet ċari u uniformi ta' reati predikati;
- l-istabbiliment ta' pieni u sanzjonijiet konsistenti u proporzjonati;
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

L-impatti mistennija tad-Direttiva huma:

- investigazzjoni u prosekuzzjoni aktar effettivi tal-awturi ta' reati tal-ħasil tal-flus, permezz tal-adozzjoni ta' reati, pieni u sanzjonijiet armonizzati;
- protezzjoni akbar taċ-ċittadini tal-UE u tas-suq intern kontra t-theddid tal-kriminalità organizzata u l-finanzjament tat-terroriżmu, permezz tad-disponibbiltà ta' għodod effettivi biex l-awtoritajiet jinvestigaw il-ħasil tal-flus u jressqu lill-awturi quddiem il-ġustizzja, inklużi l-entitajiet legali;
- azzjoni transfruntiera aktar effiċjenti u koordinata kontra l-ħasil tal-flus, permezz ta' kooperazzjoni msaħħa u ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri;
- għodod investigattivi aktar effettivi disponibbli għall-awtoritajiet fl-investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus;
- miżuri biex tissaħħaħ il-konfiska billi jissaħħu t-traċċar, l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavati minn reati tal-ħasil tal-flus.

Dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jkopri l-applikazzjoni leġiżlattiva u Prattika tad-Direttiva, analizzata f'termini tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza, tal-valur miżjud tal-UE, tar-relevanza, f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar, kif ukoll tal-impatt tagħha fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, kif mitlub mill-Artikolu 14(2) tad-Direttiva. Ir-

rapport ta' evalwazzjoni fih ukoll konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet konkreti għal azzjonijiet futuri.

L-evalwazzjoni saret bl-appoġġ ta' studju estern¹, li inkluda riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni, intervisti, konsultazzjonijiet immirati, sħarriġ, eċċ. Il-konsultazzjoni inkludiet firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi aġenziji u korpi tal-UE, awtoritajiet ġudizzjarji, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, uffiċċji tal-irkupru tal-assi, Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, esperti legali, organizzazzjonijiet nongovernattivi, gruppi ta' riflessjoni, u istituzzjonijiet akkademiċi. L-evalwazzjoni tkopri l-perjodu mill-2018 sal-2025.

3. KONSTATAZZJONIJIET EWLENIN

Din it-taqsimha tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni fir-rigward tal-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE u r-rilevanza tad-Direttiva. Barra minn hekk, tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni fir-rigward tal-impatt tad-Direttiva fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, kif mitlub speċifikament mill-Artikolu 14(2) tad-Direttiva.

3.1. Effettività

Fir-rigward tal-**effettività**, l-evalwazzjoni ssib li d-**Direttiva kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-armonizzazzjoni tar-reati tal-ħasil tal-flus u tal-pieni bejn l-Istati Membri**, u pprovdiet għodod ġodda għall-prattikanti biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus. Billi tiżgura l-kriminalizzazzjoni tal-metodi rilevanti kollha tal-ħasil tal-flus minn kamp ta' applikazzjoni wiesa' ta' reati li jiġġeneraw il-profitti, id-Direttiva tippermetti lill-awtoritajiet jinvestigaw u jressqu għall-prosekuzzjoni b'mod aktar effettiv l-attivitajiet rilevanti kollha mwettqa biex jinħaslu flus illeċiti. L-**introduzzjoni ta' novitajiet bħall-ħasil tal-flus awtonomu u l-awtoriċiklaġġ** kienet partikolarment rilevanti f'dan is-sens: tali mġiba issa tista' tiffaċċja l-prosekuzzjoni fl-Istati Membri kollha.

F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi enfasizzaw benefiċċji ċari, b'mod partikolari t-tneħħija tal-ħtieġa li tingħata prova tar-reat predikat fil-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus, li ffaċilitat il-proċedimenti ġudizzjarji. L-awtoritajiet ġudizzjarji enfasizzaw ukoll iż-żieda fl-ilħuq tal-prosekuzzjoni permezz tal-introduzzjoni tar-reat tal-awtoriċiklaġġ. Barra minn hekk, dawn il-bidliet **kabbru l-effett deterrenti** tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħasil tal-flus skont l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi.

Il-possibiltajiet għall-prosekuzzjoni ta' entitajiet legali u għall-applikazzjoni ta' peni akbar f'każijiet fejn entità marbuta b'obbligu² twestaq ħasil tal-flus, jipprovdu opportunitajiet għall-awtoritajiet biex jindirizzaw b'mod aktar effettiv l-iskemi kumplessi stabbiliti mill-kriminali biex jaħbu l-qliġ illeċitu tagħhom, u b'hekk **ikabbru l-protezzjoni tas-suq intern** kontra t-tħedd tal-kriminalità organizzata u l-finanzjament tat-terroriżmu, filwaqt li l-prattikanti

¹ Link għall-istudju (għad irid jiġi ppubblikat, il-link se tiżdied wara l-Konsultazzjoni bejn is-Servizzi (ISC, Inter-Service Consultation).

² Ara b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, *ĠU L 141, 5.6.2015, pp. 73–117, l-aħħar verżjoni konsolidata disponibbli taħt: [EUR-Lex - 02015L0849-20241230 - MT - EUR-Lex](#).*

jenfasizzaw l-effett deterrenti tal-prosekuzzjoni kriminali indipendenti għall-entitajiet legali b'mod separat mill-persuni fiżiċi, kif ukoll taċ-ċirkostanzi aggravanti b'mod ġenerali.

Aspett ieħor li żied l-effettività fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus huwa l-**estensjoni tal-għodod investigattivi** disponibbli għall-investigazzjoni ta' reati tal-ħasil tal-flus. Il-partijiet ikkonċernati rrapportaw li l-obbligu tad-Direttiva li t-tekniki investigattivi użati f'każijiet ta' kriminalità organizzata jiġu pprovduti lill-investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus, kif ukoll iż-żieda tal-pieni massimi, iffaċilita l-aċċess għal għodod speċjalizzati bħall-interċettazzjoni tal-komunikazzjoni. Dan jippermetti li jiġi segwit ir-rekord finanzjarju u jippermetti lill-awtoritajiet jiġbru evidenza ulterjuri, li jtejjeb il-kapaċità tagħhom li jikxfu u jkissru n-networks kriminali u l-finanzi tagħhom, u b'hekk iżid il-**protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE** kontra t-theddida mill-kriminalità organizzata.

Barra minn hekk, bis-saħħa ta' reati ta' ħasil tal-flus aktar allinjati madwar l-UE u ta' regoli aktar ċari li jiddefinixxu l-pajjiż kompetenti biex imexxi l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ċertu każ, skont l-awtoritajiet ġudizzjarji u wħud mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, id-Direttiva b'mod ġenerali kkontribwiet għal **azzjoni transfruntiera aktar effiċjenti u koordinata** kontra l-ħasil tal-flus. B'mod ġenerali, bl-approssimazzjoni tal-oqfsa legali, id-Direttiva għamlitha possibbli li l-awtoritajiet minn Stati Membri differenti "jitkellmu lingwa komuni": aktar ma r-reati u l-pieni jkunu jixxiebhu bejn il-ġurisdizzjonijiet, aktar ikun faċli għalihom li jikkooperaw bejn il-fruntieri, u li jirrikonoxxu s-sentenzi minn Stat Membru ieħor.

Madankollu, l-**effettività tad-Direttiva hija affettwata sa ċertu punt** minn għadd ta' **sfidi**.

Sfida waħda tikkonċerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni inkonsistenti tal-**ħasil tal-flus awtonomu** bejn Stat Membru u ieħor, li toħloq inċertezza legali u problemi matul l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. Il-punt sa fejn għandha tingħata prova li r-reat predikat ivarja ħafna fost l-Istati Membri: f'xi pajjiżi, l-awtoritajiet iridu jagħtu prova biss ta' xi attività kriminali preċedenti li minnha tirriżulta l-proprjetà maħsula, filwaqt li f'oħrajn l-awtoritajiet huma meħtieġa jiddefinixxu b'mod ċar ir-reat predikat, u f'xi każijiet saħansitra jistabbilixxu l-post u l-ħin tar-reat (ara wkoll il-paġni 3-4 tar-rapport ta' traspożizzjoni). Għalhekk, l-effettività tad-Direttiva fl-iffaċilitar tal-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus awtonomu tvarja madwar l-UE: din hija konsegwenza tal-formulazzjoni vaga tad-Direttiva, li tippermetti tali varjetà wiesgħa ta' miżuri ta' traspożizzjoni.

Hemm ukoll interpretazzjoni diverġenti fost il-ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri tal-**proprjetà li tista' tkun l-oġġett tal-ħasil tal-flus**. Minkejja li d-Direttiva għandha definizzjoni komprensiva tal-proprjetà sabiex tinkludi kull tip ta' attività ta' ħasil tal-flus, il-leġiżlazzjonijiet ta' xi Stati Membri ma jqisux l-ispejjeż iffrankati (bħal taxxi mhux imħallsin minħabba t-twettiq ta' reat fiskali) bħala proprjetà li tista' tiġi maħsula. Huma jqisu li hija biss proprjetà li tirrappreżenta żieda pożittiva fl-assi ta' persuna, eż. flus miksuba permezz ta' reat tat-traffikar tad-droga jew rifużjoni tat-taxxa, li tista' tkun l-oġġett ta' reat tal-ħasil. Dawn il-pajjiżi jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proprjetà l-flus li ġew iffrankati billi b'mod illegali ma tkunx tħallset il-VAT. Dan jirrappreżenta diskrepanza konsiderevoli meta wieħed iqis l-impatt tal-

frodi tal-VAT fuq il-baġits pubbliċi, li jiġi jiswa lill-awtoritajiet tat-taxxa diversi għexieren ta' biljuni ta' euro kull sena skont il-Europol³ u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew⁴.

Barra minn hekk, ta' min jinnota li d-dispożizzjoni dwar l-istabbiliment tal-**ġuriżdizzjoni fuq reati tal-ħasil tal-flus** – speċifikament fil-każ fejn it-trażgressur ikun ċittadin tal-Istat Membru, skont l-**Artikolu 10(1)(b)** – ġiet trasposta b'mod diverġenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-**rekwiżit ta' kriminalità doppja**⁵.

Qasam partikolari fejn l-evalwazzjoni ma kkonkludietx dwar l-effettività huwa l-impatt mistenni fuq it-tiżiħ tal-miżuri ta' konfiska, b'mod partikolari minħabba t-tul tal-proċedimenti kriminali. Barra minn hekk, ta' min jinnota li d-Direttiva, fl-Artikolu 9, tirreferi biss għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/42/UE dwar il-konfiska, li fl-2024 ġiet sostitwita bid-Direttiva l-ġdida dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi. Għalhekk, tali aspetti jistgħu jiġu analizzati biss fl-evalwazzjoni tal-istrument tal-aħħar, li l-Kummissjoni hija meħtieġa tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-24 ta' Novembru 2031.

3.2. Effiċjenza

F'termini tal-**effiċjenza**, il-valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji tista' tkun biss preliminari, minħabba t-tul tal-proċedimenti kriminali fil-każijiet tal-ħasil tal-flus. Għalhekk, l-impatt sħiħ tad-Direttiva f'termini kwantitattivi (l-għadd ta' prosekuzzjonijiet u kundanni, il-volum ta' assi ffriżati u kkonfiskati f'dawn il-każijiet ta' ħasil tal-flus) se jkun viżibbli biss fis-snin li ġejjin.

Filwaqt li l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati kienu varji (uħud baqgħu newtrali; oħrajn kienu maqsumin fuq jekk il-benefiċċji tad-Direttiva kinux akbar mill-kostijiet assoċjati tagħha), minħabba nuqqas ta' data rrapportata ma kienx possibbli li titwettaq valutazzjoni sħiħa tal-kostijiet, kemm monetarji kif ukoll f'termini ta' piż amministrattiv, imqabbla mal-eżiti bħall-għadd ta' prosekuzzjonijiet u ta' kundanni, u l-volum relatat ta' assi ffriżati u kkonfiskati f'dawn il-każijiet ta' ħasil tal-flus. Fi kwalunkwe każ, il-maġġoranza tal-Istati Membri li ħadu sehem fl-attivitajiet ta' konsultazzjoni rrapportaw li ma kellhomx kostijiet għall-implimentazzjoni u piż amministrattiv, jew li dawn kienu minimi. Dan jirrifletti n-natura tad-Direttiva, li essenzjalment teħtieġ bidliet fil-kodiċi kriminali jew fil-kodiċi proċedurali kriminali tal-Istati Membri, u tali emendi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali jimplikaw kostijiet addizzjonali limitati biss. Xi kostijiet addizzjonali li tinvolvi d-Direttiva huma t-taħriġ għall-awtoritajiet ġudizzjarji u għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, speċjalment bil-għan li jiġu investigati u mressqa għall-prosekuzzjoni forom ġodda ta' ħasil tal-flus introdotti mid-Direttiva. F'termini ġenerali, il-partijiet ikkonċernati jindikaw li d-Direttiva pprovdiet għodod ġodda lill-awtoritajiet biex jinvestigaw u jressqu għall-prosekuzzjoni b'mod aktar effettiv ir-

³ <https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf>

⁴ Fir-rapport annwali tiegħu tal-2024, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) enfasizza kif il-frodi tal-VAT kienet responsabbli għal aktar minn 53 % tad-danni globali stmati li qed jiġu investigati, b'dannu stmat ta' EUR 13,15 biljun https://www.eppo.europa.eu/assets/annual-report-2024/pdfs/EPPO_Annual_Report_2024_en.pdf

⁵ Dan huwa l-prinċipju li l-ġuriżdizzjoni tista' tiġi stabbilita biss fejn l-imġiba inkwistjoni tkun kriminalizzata kemm fl-istat ta' prosekuzzjoni kif ukoll fl-istat li fih tkun twettqet.

reati tal-ħasil tal-flus, filwaqt li l-kostijiet tal-implimentazzjoni huma rrapportati li huma limitati, u dan jissuġġerixxi effett kumplessiv pożittiv f'termini tal-effiċjenza.

3.3. Koerenza interna u esterna

Fir-rigward tal-**koerenza interna**, l-evalwazzjoni turi li l-komponenti differenti tad-Direttiva qed jaħdmu tajjeb flimkien biex din tilħaq l-oġettivi tagħha, u li ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn id-diversi dispożizzjonijiet fid-Direttiva.

Il-**koerenza esterna** tkopri kemm il-livell internazzjonali kif ukoll dak tal-UE.

Fuq skala **internazzjonali**, l-evalwazzjoni tinnota li d-Direttiva **ma hijiex allinjata bis-sħiħ mal-Konvenzjoni ta' Varsavja tal-Kunsill tal-Ewropa**⁶, li fiha regoli dwar il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus li jirregolaw il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet li tkopri din id-Direttiva. L-UE ffirmat il-Konvenzjoni fl-2009, iżda għadha ma rratifikathiex. B'mod speċifiku, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva jirrestrinġi l-ambitu tar-reati predikati meta mqabbel mal-Konvenzjoni ta' Varsavja, li hija għażla permessa taħt il-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni biħsiebha tadotta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tippermetti lill-UE tirratifika l-Konvenzjoni ta' Varsavja u tista' tindirizza din il-kwistjoni f'dak il-kuntest.

Fil-livell tal-UE, id-Direttiva hija **konsistenti ma' strumenti leġislattivi oħrajn fil-qasam**. Kif inhu rikonoxxut fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna ("ProtectEU")⁷, l-UE saħħet l-isforzi tagħha bir-regoli l-ġodda kontra l-ħasil tal-flus, inkluż l-istabbiliment tal-Awtorità tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, u bid-Direttiva l-ġdida dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, li hija kruċjali biex jiġu indirizzati l-motivi finanzjarji wara l-kriminalità organizzata, biex l-assi illeċiti jiġu ffriżati malajr u biex jiġi kkonfiskat il-qligħ kriminali. Dawn l-iżviluppi huma konformi mar-reazzjoni msaħħa tad-dritt kriminali għall-ħasil tal-flus li tirriżulta mid-Direttiva.

Madankollu, id-Direttiva għandha xi lakuni meta mqabbla mad-direttivi l-aktar reċenti dwar id-dritt kriminali, pereżempju dwar ir-reati ambjentali jew dwar il-ksur ta' miżuri restrittivi, rigward l-applikazzjoni ta' pieni addizzjonali kontra persuni fiżiċi u s-sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi.

Fir-rigward tal-**applikazzjoni ta' pieni addizzjonali kontra persuni fiżiċi**, id-Direttiva tirrikjedi lill-Istati Membri biex minbarra sentenzi ta' priġunerija, jintroduċu sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali kontra l-awturi ta' reati tal-ħasil tal-flus, mingħajr ma tispeċifika x'tip ta' miżuri, b'hekk twassal għal varjazzjoni fit-traspożizzjonijiet nazzjonali. B'kuntrast għal dan, strumenti aktar reċenti tad-dritt kriminali tal-UE jelenkaw b'mod espliċitu l-miżuri possibbli li l-Istati Membri jistgħu japplikaw kontra persuni fiżiċi, bħal multi, esklużjoni mill-finanzjament u mill-offerti pubbliċi, l-irtirar ta' permessi jew projbizzjonijiet temporanji fuq il-kandidatura għal kariga pubblika.

⁶ Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu (CETS Nru 198).

⁷ [EUR-Lex - 52025DC0148 - MT - EUR-Lex](#).

Hemm kwistjoni simili fir-rigward tas-**sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi**. Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jipprevedu multi kriminali jew mhux kriminali u tinkludi lista ta' sanzjonijiet addizzjonali possibbli, li huma biss fakultattivi u ma humiex definiti f'biżżejjed dettall. Filwaqt li din tipprovdi l-flessibilità meħtieġa lill-Istati Membri, dan jikkuntrasta mal-aktar leġiżlazzjoni reċenti dwar id-dritt kriminali, li tipprevedi livell minimu tal-multi massimi għar-reati kollha, li għandu jiġi kkalkolat jew abbażi ta' perċentwal tal-fatturat dinji tal-persuna ġuridika jew abbażi ta' ammont fiss⁸.

3.4. Valur miżjud tal-UE

F'termini tal-**valur miżjud tal-UE**, l-implimentazzjoni tad-Direttiva tipprovdi **benefiċċju pożittiv** li jirriżulta minn azzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-UE li x'aktarx ma kienx jinkiseb mill-Istati Membri individwalment. Id-Direttiva ħolqot **kundizzjonijiet ekwi aktar omoġenji għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus madwar l-UE**, li l-partijiet ikkonċernati ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi jqisuhom bħala ħaġa pożittiva peress li jikkontribwixxu għal konsistenza legali akbar u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera. Madankollu, id-diskrepanzi msemmija hawn fuq fid-definizzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' reati ta' ħasil tal-flus, speċjalment fir-rigward tal-ħasil tal-flus awtonomu, u l-applikazzjoni diverġenti ta' dispożizzjonijiet fakultattivi ("klawżoli li fihom il-kelma 'jistgħu'") fir-rigward tal-pieni għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi jindikaw li għad hemm potenzjal għal aktar armonizzazzjoni madwar l-UE.

3.5. Rilevanza

L-objettivi u l-miżuri tad-Direttiva għadhom rilevanti meta jitqiesu l-isfidi fil-ħasil tal-flus u fil-kriminalità organizzata: skont il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-Europol għall-2025, il-ħasil tal-flus għadu jaqdi rwol kruċjali biex jippermetti lill-kriminali japprofittaw minn attivitajiet illegali u huwa l-pedament tal-kriminalità organizzata⁹. Barra minn hekk, il-*modi operandi* tal-ħasil tal-flus spiss jinvolvu bosta tranżazzjonijiet f'diversi ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE, l-isfruttament ta' disparitajiet regolatorji u l-ħolqien ta' rekord kumpless li hu ta' sfida għall-investigazzjonijiet finanzjarji: għalhekk, reazzjoni armonizzata fost l-Istati Membri għall-kriminalità hija importanti daqs qatt qabel. Fl-istess ħin, skont il-Europol, il-ħasil tal-flus qiegħed jiġi ffaċilitat dejjem aktar mill-pjattaformi diġitali u msaħħaħ mit-teknoloġiji emergenti¹⁰ – in-natura teknoloġikament newtrali tad-Direttiva tippermetti li r-reazzjoni tad-dritt kriminali tiġi adattata għal tali evoluzzjonijiet, filwaqt li tiżgura li d-Direttiva żżomm ir-rilevanza tagħha irrispettivament mill-iżviluppi teknoloġiċi.

3.6. Impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali

⁸ Pereżempju, id-Direttiva (UE) 2024/1203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali tobbliga lill-Istati Membri jipprevedu multi għall-persuni ġuridiċi f'każ ta' reati speċifiċi. Barra minn hekk, id-Direttiva tispeċifika li l-livell massimu ta' dawk il-multi huwa tal-inqas 5 % jew somma f'daqqa ta' EUR 40 000 000 għal ċerti reati relatati mat-tniġġis tal-ambjent u 3 % jew EUR 24 000 000 għal reati oħra bħat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.

⁹ europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf

¹⁰ *Ibid.*

Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-UE u l-korpi internazzjonali ġeneralment iqisu li d-Direttiva hija konformi mal-istandards tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew irrapportaw li ma hemm l-ebda data disponibbli. Partijiet ikkonċernati oħrajn – b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs, Non-Governmental Organizations), il-gruppi ta' riflessjoni u l-akkademja – esprimew tħassib dwar l-impatt possibbli fuq il-protezzjoni tal-preżunzjoni tal-innoċenza meta japplikaw ir-reat tal-ħasil tal-flus awtonomu, il-prinċipju “*ne bis in idem*” f'każijiet ta' awtoriciklaġġ¹¹, kif ukoll fir-rigward taċ-ċarezza tad-definizzjoni tar-reati u tal-pieni u/jew il-proporzjonalità ta' din tal-aħħar, speċjalment meta r-reat predikat ikun reat minuri.

B'mod ġenerali, il-feedback li taw il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jagħmilha possibbli li jiġi konkluż li r-reati ta' ħasil tal-flus huma fformulati b'mod ċar, preċiż u prevedibbli u l-pieni huma xierqa u proporzjonati għas-serjetà tar-reati. Id-drittijiet fundamentali huma żgurati permezz tar-regoli stabbiliti f'sitt Direttivi tal-UE dwar id-Drittijiet Proċedurali, fil-Karta u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll fil-prinċipji ġenerali tad-dritt kriminali. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva hija soġġetta għar-rieżami tal-qrati nazzjonali, li jridu jiżguraw il-konformità tagħhom mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

4. KONKLUŻJONIJIET U TAGĦLIMA MEĦUDA

Id-Direttiva hija meqjusa li fil-biċċa l-kbira tissodisfa l-oġettivi tagħha, billi tejbet il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jinvestigaw u jressqu għall-prosekuzzjoni l-ħasil tal-flus permezz ta' reati u pjeni msaħħa u billi ffaċilitat l-investigazzjonijiet transfruntiera, mingħajr ma ħolqot kostijiet addizzjonali sinifikanti jew mingħajr ma kellha impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali. Madankollu, għad hemm xi sfidi, b'mod partikolari biex jiżiedu l-effettività u l-koerenza ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha ma' strumenti oħra tal-UE.

Barra minn hekk, meta jitqies it-tul tal-proċedimenti kriminali, l-impatt sħiħ tad-Direttiva se jkun viżibbli biss fis-snin li ġejjin. Għalhekk huwa importanti li l-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-impatti tad-Direttiva, inkluż fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

L-evalwazzjoni identifikat għadd ta' tagħlimiet meħuda, li l-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ jikkunsidraw fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom tad-Direttiva.

- **Aktar ċarezza dwar il-ħasil tal-flus awtonomu**

Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ma jkunux obbligati jagħtu prova essenzjali tal-elementi kollha tar-reat predikat, jenħtieġ li jiġu ċċarati **r-reqwiziti meħtieġa biex jiġi stabbilit reat predikat jew l-oriġini illeċita ta' proprjetà li tkun soġġetta għal ħasil tal-flus**, u b'hekk tiġi promossa applikazzjoni uniformi tar-reat awtonomu tal-ħasil tal-flus u jiġu ffaċilitati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus fl-Istati Membri kollha tal-UE.

¹¹ Bħal fil-każ tal-awtoriċiklaġġ, id-distinzjoni bejn reat predikat u reat tal-ħasil tal-flus spiss ma tkunx ċara, u għalhekk hemm riskju ta' piena doppja għall-istess att jekk ikun hemm kundanna għar-reat predikat u għar-reat tal-ħasil tal-flus.

- **Valutazzjoni tal-livelli massimi minimi tal-pieni u tas-sanzjonijiet għall-persuni fiżiċi u għall-entitajiet ġuridiċi, kif ukoll l-istabbiliment ta' pieni u miżuri addizzjonali**

Dan jiżgura koerenza akbar li d-dispożizzjonijiet dwar il-penali u s-sanzjonijiet għal persuni fiżiċi u ġuridiċi jiġu allinjati mal-leġiżlazzjoni kriminali tal-UE li għadha kif ġiet adottata, bħad-Direttiva (UE) 2024/1203 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u d-Direttiva (UE) 2024/1226 dwar il-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi l-istabbiliment tat-tip ta' pieni jew miżuri addizzjonali li l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq l-awturi ta' reati tal-ħasil tal-flus minbarra l-priġunerija, u l-istabbiliment ta' sanzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet ġuridiċi, b'mod partikolari minimu tal-livell massimu tal-multi, li għandu jiġi kkalkolat jew abbażi tal-fatturat globali tal-persuna ġuridika jew abbażi ta' ammonti fissi. Dan jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri u jsaħħaħ l-effett deterrenti tas-sanzjonijiet għar-reati tal-ħasil tal-flus.

- **Irfinar tad-definizzjoni ta' proprjetà**

Id-definizzjoni ta' "proprjetà" għandha tiġi rfinuta biex tinkludi b'mod aktar espress il-forom potenzjali kollha ta' qligħ illeċitu, inklużi rikavati diretti, iffrankar tal-kostijiet derivat minn reati fiskali, u rikavati indiretti derivati minn attivitajiet kriminali.

- **Allinjament mal-istrumenti internazzjonali**

L-iżgurar ta' allinjament bejn id-Direttiva u l-Konvenzjoni ta' Varsavja jsaħħaħ il-koerenza bejn iż-żewġ strumenti.

- **Monitoraġġ tal-impatti tad-Direttiva**

Sabiex timmonitorja l-impatti tad-Direttiva, il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha mal-partijiet interessati rilevanti permezz ta' *fora* bħall-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Politika Kriminali tal-UE, in-Network Operattiv Kontra l-Ħasil tal-Flus ta' investigaturi finanzjarji (AMON), il-Pjattaforma Multidixxiplinarja Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), in-Network ta' Kooperazzjoni l-ġdid dwar l-Irkupru u l-Konfiska tal-Assi, in-Network tal-Interaġenzjali Camden għall-Irkupru tal-Assi (CARIN), il-Grupp ta' Fokus Ġudizzjarju tal-Eurojust dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Irkupru tal-Assi u n-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata.

Il-Kummissjoni se tkompli d-djalogu tagħha mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati kollha, biex tiżgura li r-reazzjoni tal-liġi kriminali għall-ħasil tal-flus tkun effettiva, konformi mal-politiki tal-UE f'dan il-qasam u aġġornata, meta jitqiesu x-xejriet li qed jevolvu u *l-modi operandi* tal-gruppi kriminali fl-isfera finanzjarja.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma kontribut importanti għall-isforzi fil-livell tal-UE biex jiġi promoss l-approċċ "segwi l-flus" bħala komponent ewlieni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, qasam li huwa enfasizzat fl-istrateġija ProtectEU bħala kruċjali biex tiġi żgurata reazzjoni ġudizzjarja b'saħħitha għan-networks kriminali li huma l-aktar ta' theddida.